MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 160/1997/1

Estelle Azzopardi u
Għal kull interess li jista' jkollu John Azzopardi

vs

Michelina u Maria aħwa Said .

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

8Illi l-attriċi hija proprjetarja tal-fond magħruf bħala l-Qorti ta' San Blas ossija l-Qortin tan-Nadur tal-kejl superfiċjali ta' madwar erbat itmiem pari għal sebat elef tmien mija u tmienja u sittin metri kwadri (7968 mk) u konfinanti mill-punent ma' triq pubblika, nofsinhar ma' beni tal-Imħallef Dottor Carmelo Schembri u tramuntana ma' beni tal-familja Ripard;

Illi d-dirett dominju ta’ din l-art ippervena għand l-attriċi permezz ta’ kuntratt diviżjoni fl-atti tan-nutar Joseph Henry Saydon tal-14 ta’ Novembru, 1979;

Illi dina l-art kienet konċessa oriġinarjament bħala ċens għal disgħa u disgħin (99) sena permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Aloisio Calleja Pace tat-22 ta’ Novembru 1897 minn Giuseppe Borg lil Francesco Said u għalhekk wara l-ħmistax (15) ta’ Awissu l-fond irritorna għand l-attriċi bħala direttarja bħala liberu u frank.

Illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw parti minn dan it-territorju inkluż parti minn dan it-territorju inkluż ukoll parti mir-razzett qadim li jġib in-numru wieħed u sittin, triq ir-Ramla l-Ħamra, Nadur.

Illi l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li joħorġu u jiżgumbraw mill-parti li huma qegħdin jokkupaw.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konċessjoni enfitewtika kostitwita permezz tal-kuntratt ta’ enfitewsi temporanja in atti nutar Dottor Aloisio Calleja Pace skadiet fil-ħmistax (15) ta’ Awissu 1996 u li l-fond flimkien mal-benefikati rriverta favur il-padrun dirett u ċioe’ l-attriċi għar-rigward tal-porzjoni li messet lilha fil-kuntratt ta’ diviżjoni fuq imsemmi.

2. Tiddikjara l-imsemmija porzjon art libera a favur tal-attriċi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġu lilhom pretiz jiżgumbraw mill-imsemmi fond.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Estelle Azzopardi.

Rat in-nota ta’ l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni odjerna hija intempestiva in kwantu l-jedd o meno tal-konvenuti għall-okkupazzjoni tal-fond mertu ta’ din il-kawża huwa oġġett ta’ kawża oħra fl-ismijiet “Michelina xebba Said et vs. Estelle Azzopardi” bin-numru 159/1997.

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu l-konvenuti huma intitolati jżommu dan il-fond b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa a tenur mal-artikolu 10B tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li huma ċittadini ta’ Malta u fid-data li fiha ntemmet il-konċessjoni enfitewtika temporanja huma kienu jokkupaw l-istess fond bħala residenza ordinarja tagħhom.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Michelina Said.

Rat il-verbal tagħha tat-3 ta' Gunju 2009 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum dwar il-kwistjoni jekk sentenza tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u li llum għaddiet in ġudikat, liema sentenza ddikjarat xi artikoli partikolari ta' wieħed mill-kapijiet tal-Liġijiet ta' Malta bħala nulli u bla effett peress illi jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hix applikabbli biss *inter partes* jew jekk l-effetti tagħha jestendux *erga omnes*, u għalhekk anke għall-partijiet fil-kawża preżenti.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din il-kwistjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiżgumbraw lill-konvenuti mill-proprjeta' ndikata fiċ-ċitazzjoni, u dana peress illi l-konċessjoni enfitewtika għal disgħa u disgħin sena fuq din l-art kien intemm. Il-konvenuti qed jirreżistu

din it-talba għar-raġuni li jikkontendu illi huma għandhom dritt jipprevalixxu ruħhom mill- emendi introdotti fl-1979 għall-Kap. 158 li taw il-fakolta' liċ-ċenswalist f'każ ta' ċens temporanju għal iżjed minn tletin sena li jikkonverti dak iċ-ċens f'wieħed perpetwu f'għeluq il-perijodu taċ-ċens oriġinali.

Il-kawża baqgħet tiġi differita għal numru ta' snin pendenti l-eżitu ta' xi kawżi kostituzzjonali li kienu jirrigwardaw proprju l-punt jekk dawn l-emendi kienux imorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk kontra l-Kostituzzjoni tal-pajjiż. Fit-3 ta' Ottubru 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede tagħha kostituzzjoniali tat is-sentenza tagħha fil-kawża "**Mario Testaferrata et. vs Il-Prim'Ministru et.**" proprju fuq din il-kwistjoni u ddikjarat illi l-artikoli 12(4) u (5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta huma nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem skond l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ġie dikjarat deżert fis-16 ta' Ottubru 2006 u għalhekk kif ikkonfermat l-istess Qorti "…*is-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2000 għaddiet in ġudikat*."

L-atturi fil-kawża preżenti qegħdin għalhekk isostnu li ġialadarba din is-sentenza għaddiet in ġudikat u l-istess artikoli tal-liġi li fuqhom qed jibbażaw il-pretensjoni tagħhom il-konvenuti issa ġew dikjarati nulli u bla effett fil-kawża ċċitata, il-konvenuti ma jistgħux jibqgħu jinsistu li għandhom titolu bbażat fuq dawn l-istess artikoli tal-liġi. Il-konvenuti da parti tagħhom jinsistu illi bħal ma ġie diversi drabi kkonfermat mill-qrati tagħna, anke a bażi ta' dak li jistipula l-artikolu 237 tal-Kap. 12. sentenza qatt ma tista' tagħmel ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża.

Il-qrati tagħna ġia kellhom opportunita' jittrattaw kwistjoni simili fil-kawża: "**Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli**," f'sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla fit-30 ta' Ottubru 2008, fuq eċċezzjoni tar-rikorrenti għal kontro-talba ta' l-intimata fis-sens illi: " …*l-artikoli tal-liġi illi fuqhom tistrieħ u hija dipendenti t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta (u ċioe' l-artikolu 12(4) u 12(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta) ġew dikjarati nulli u bla effett mill-Qorti*

*Kostituzzjonali bis-saħħa tas-sentenza tagħha tat-3 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata et. versus Il-Prim Ministru et, deżerta fl-appell fis-16 ta' Ottubru 2006 u, kwindi l-ebda (waħda) mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta m'għandhom jintlaqgħu minn din il-Qorti*." F'dik is-sentenza il-Qorti, wara li tat spjegazzjoni dettaljata għall-motivi tagħha, laqgħet din l-eċċezzjoni, wara li kkonkludiet illi: " ..*din il-Qorti tħoss li la darba tali dispożizzjonijiet tal-liġi ċitati mill-konvenuta ġew dikjarati nulli u bla effett u dan għaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza għaddiet in ġudikat, in vista tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess liġi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-liġi skond l-istess artikolu għandha tiġi kkonsidrata bħala nulla u bla effett u dan indipendentement mill-fatt jekk l-organu leġislattiv jieħux il-passi sabiex inehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur. Dan qed jingħad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 242 tal-Kap. 12 fuq ċitat li ġie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawża ċitata marret deżerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-deċiżjoni għaddiet in ġudikat. Fil-verita' dan kollu juri li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-għola liġi fil-pajjiż u l-artikoli ċitati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett tħoss li hija doveruża għaliha li tapplika l-istess dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tiġi segwita l-istess Kostituzzjoni u wkoll għaliex tħoss li ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn liġi tiġi ddikjarata nulla għaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuni, u minn naħa l-oħra jkun hemm deċiżjoni fejn tapplika l-istess liġi għall-persuni oħra - u dan iktar u iktar fejn il-liġi għandha tkun l-istess u applikabbli għal kulħadd u dan in omaġġ ukoll għar-**Rule of Law**. Dan iktar u iktar meta liġi tiġi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali bħala nulla u bla effett u allura l-istess liġi ma tistax, minħabba d-dispożizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjoni, ma tibqax iżjed applikabbli u dan **erga omnes**. L-argument l-ieħor joħloq liġi għal xi persuni u liġi oħra għal persuni oħra - ħaġa li mill-punto di vista legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas għandha tiġi*

*kkunsidrata għaliex toħloq inċertezza u inġustizzja manifesta*…"

Din il-Qorti, kif ippreseduta, taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament u, a skans ta' ripettizzjonjiet inutili, tagħmel referenza sħiħa għal dak kollu li ngħad mill-Prim'Awla fis-sentenza li għadha kemm ġiet ikkwotata.

Fil-fehma tagħha, u bir-rispett kollu dovut għall-qorti li ppronunzjat is-sentenza, il-Prim'Awla (diversament ippreseduta) fil-kawża "**Josephine mart Carmel Bugeja vs Avukat Generali et**." deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008, li wkoll kellha tiddeċidi jekk sentenza li għaddiet in ġudikat u li ddikjarat liġi nulla għandhiex tapplika biss *inter partes* jew inkella *erga omnes*, xejn ma pprofondiet ruħha dwar l-implikazzjonijiet kollha nvoluti, u straħet biss fuq l-ispjegazzjoni illi: "… *dik is-sentenza* (b'referenza għal "Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et.) *tagħmel stat biss fil-konfront tal-partijiet u mhux erga omnes… u allura ma tagħmilx stat fil-konfront ta' partijiet oħra, u fil-fatt l-intimati f'dawn il-proċeduri għadhom jinistu li l-liġi in kwistjoni hi valida u ma tilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, jeħtieġ li din il-Qorti terġa' teżamina l-kwistjoni mill-ġdid*," u infatti pproċediet sabiex tiddikjara li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem bl-istess provvedimenti tal-Kap. 158. Din is-sentenza turi appuntu bl-iżjed mod espiċitu l-konfużjoni u inċertezzi li jistgħu jinħolqu b'deċiżjonijiet konfliġġenti ta' qrati ta' l-istess livell dwar il-validita' o meno ta' xi liġgi u tirrendi kollox kważzi dipendenti fuq ix-xorti u l-ġudikant li jkun ser jisma' l-kawża.

Fir-rigward tas-sentenzi l-oħra ċċitati mill-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom jingħad illi:

(i) is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Jannar 2009 fil-kawża: "**Filomena Tonna vs Baruni Salvatore sive Salvinu Testaferrata Moroni Viani et.**" ddeċidiet biss li tilqa' t-talba għar-referenza lill-Prim'Awla sede Kostituzzjonali li kienet saret mill-konvenuti sabiex din tiddeċidi dwar il-kostituzzjonalita' tal-artikoli 12(4) u (5) tal-Kap. 158, u ma daħlitx fil-kwistjoni jekk sentenza li

ddikjarat dawn l-artikoli nulli u għaddiet in ġudikat għandiex tapplika *erga omnes*;

(ii) is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2008 fil-kawża "**Mary Anne Busuttil vs Tabib John Cassar et**." irrimettiet l-atti lill-Prim'Awla, li kienet naqset milli tiddeċidi dwar il-legalita' o meno ta' dawn l-artikoli tal-liġi, billi ma kienitx inġabet il-prova li l-atturi kienu tassew id-direttarji, u allura lanqas f'dan il-każ ma kellha l-opportunita' tidħol fil-kwistjoni jekk sentenza li ddikjarat nulli dawn l-artikoli tal-liġi kellhiex tapplika *erga omnes*;

(iii) is-sentenza ta' din il-Qori (diversament preseduta) tas-16 ta' Settembru 2009 fil-kawża "**Reverendu Dun Karm Curmi noe. vs Rita Formosa et**.", similment ma daħlitx f'din il-kwistjoni, u ddeċidiet biss li l-konvenuti ma kellhom ebda dritt għall-protezzjoni tal-liġi taħt il-Kap. 158;

(iv) is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "**Mary Vella et. vs Josephine Bugeja et**.", deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001, li laqgħet it-talba ta' l-atturi sabiex jiġi pperpetwat iċ-ċens li kien skadielhom, ingħatat ferm qabel mas-sentenza fil-kawża kostituzzjonali: " Mario Galea Testaferrata et. vs Il-Prim'Ministru et." għaddiet in ġudikat u għalhekk ma setgħetx tiġi influenzata biha.

L-argument tal-konvenuti li l-validita' tas-sentenza tal-Prim'Awla tat-3 ta' Ottubru 2000 fil-kawża "Mario Galea Testaferrata et. vs Il-Prim Ministru et." llum qed tiġi kontestata fi proċeduri *ad hoc* li ġew istitwiti, lanqas ma jreġi, għaliex huwa magħruf sew illi kawża li għaddiet in ġudikat tibqa' dejjem valida sakemm ma tiġix annullata, u dan anke f'każ ta' ritrattazzjoni.

Fl-aħħarnett lanqas ma għandhom raġun il-konvenuti li jsostnu illi l-kwistjoni preżenti setgħet tiġi deċiża biss b'referenza għall-Prim'Awla sede kostituzzjonali, u dan għaliex din il-qorti ma ntalbitx tiddeċidi dwar il-kostituzzjonalita' o meno ta' xi liġi, imma biss dwar il-punt jekk deċiżjoni ta' qorti li ddikjarat nulla liġi partikolari u li

għaddiet in ġudikat kellhiex tapplika *erga omnes*, ħaġa li ġia għamlitha l-Prim'Awla, fis-sede ordinarja tagħha, fil-kawża: "Vassallo vs Dalli" li fuqha qed tibbaża d-deċizjoni tagħha fil-kawża preżenti din il-Qorti. Barra minn hekk kienu l-istess konvenuti li, permezz tal-verbal tat-3 ta' Gunju 2009, qablu li tingħata din is-sentenza *in parte*, "*pero' dan ikun mingħajr preġudizzju għall-fakolta' tal-partijiet li jippreżentaw il-provi tagħhom rigward il-mertu tal-każ fl-istadju ulterju*ri."

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din il-kwistjoni billi tiddikjara illi s-sentenza tal-Prim'Awla tat-3 ta' Ottubru 2000 fil-kawża "Mario Galea Testaferrata vs Il-Prim Ministru et." (citaz. nru. 348/91 RCP) li ddikjarat nulli u bla effett l-artikolu 12(4) u (5) tal-kap. 158, għandha tapplika mhux *inter partes* biss imma *erga omnes* u għalhekk għall-każ in eżami wkoll, dejjem safejn għad jirriżulta li, fil-każ preżenti, l-konvenuti qegħdin jibbażaw id-difiża tagħhom unikament fuq dawn l-artikoli tal-liġi, ħaġa li għal issa din il-Qorti għadha ma ġietx mitluba tiddeċidi.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------